Fit-Tribunal tal-Konsumatur

Christina Saliba

Vs

Cellefonic Ltd

CCT 193/24/CC

Illum 19 ta' Novembru, 2024

It-Tribunal;

Ra t-Talba tal-attrici ipprezentata fit-3 ta' Settembru 2024, fejn talbet il-hlas ta' l-ammont ta' €809 (tmien mija u disa' ewro) rapprezentanti ammont imhallas ghal telefon cellulari Google Pixel 7 Pro, li s-socjeta intimata obbligat ruhha li twettaq xoghlijiet fuqu, u li liema telefon cellulari ma baqax jiffunzjona tajjeb. Inoltre l-attrici talbet ammont ulterjuri ta' €500 (hames mitt ewro) bhala danni morali ghat-telf ta' uzu tat-telefon cellulari.

Ra li s-socjeta intimata Cellefonic Ltd debitament notifikata bl-Avviz tat-Talba u tas-Smigh ta' din il-procedura, ma ipprezentat l-ebda risposta u ghalhekk hija fi stat ta' kontumacja.

Illi fis-seduta skedata ghal produzzjoni tal-provi, dehret biss l-attrici.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

Sema' l-attrici Christina Saliba tixhed bil-gurament fis-seduta tal-5 ta' Novembru 2024.

Ikkunsidra ;

Illi jirrizulta li f'Awissu 2023 l-attrici xtrat telefon cellulari Google Pixel 7 Pro minghand l-istabbiliment 'Klikk'. Gara li xi xhur wara accidentalment l-attrici waqqghet it-telefon cellulari u zviluppa hsara. L-attrici marret l-istabbiliment min fejn xtrat it-telefon cellulari, u giet riferuta ghal stabbiliment iehor sabiex isiru t-tiswijiet appoziti. Gara li hekk kif l-attrici marret fl-istabbiliment li gie indikat lilha, hija giet infurmata li ma kienux f'posizzjoni li jeffetwaw it-tiswijiet necessarji, u ghalhekk hija

avvicinat lis-socjeta intimata Cellefonic Ltd. Is-socjeta intimata accettat l-inkarigu li teffetwa x-xoghlijiet ta' tiswija fuq it-telefon cellulari ta' l-attrici.

Illi in segwitu li saru t-tiswijiet mis-socjeta intimata fuq it-telefon cellulari, gara li l-istess telefon zviluppa hsarat ulterjuri, b'dan li l-attrici kienet prekluza li tuza t-telefon cellulari. Isegwu diversi skambji bejn l-intimata u s-socjeta intimata ghal possibli trasazzjoni, madankollu s-socjeta intimata ma pprovdiet l-ebda soluzzjoni, b'dan li l-attrici kellha tipprocedi b'din l-istanza.

Illi l-attrici rrikoriet ukoll ghal ispezzjoni indipendenti fuq it-telefon cellulari wara li saru x-xoghlijiet mis-socjeta intimata, liema spezzjoni irrizultat li x-xoghlijiet ezegwiti ma sarux skond l-arti u s-sengha.

Illi l-attrici ipproduciet fl-atti ta' dawn il-proceduri prova tal-hlas ta' l-ammont imhallas ghal hlas tat-telefon cellulari Google Pizel 7 Pro, kif ukoll dokumentazzjoni ohra relatata mal-kompletezza tal-provi, inkluz r-rapport li jindika li x-xoghlijiet ezegwiti mis-socjeta intimata sa sarux skond l-arti u s-sengha.

Da parti taghha, is-socjeta intimata tinsab fi stat ta' kontumacja, u fis-seduta appuntata ghal provi tal-partijiet hadd ma deher in rapprezentanza tas-socjeta intimata sabiex tiggustifika l-istat ta' kontumacja taghha.

Illi t-Tribunal, wara li sema' lil attrici Christina Saliba tixhed bil-gurament fis-seduta tal-5 ta' Novembru 2024 u wara li ra d-dokumenti ezebiti fl-atti ta' dawn il-proceduri, hu tal-fehma li t-Talba avvanzata mill-attrici ghandha timmerita akkoljiment fil-parti tar-rizarciment ghal ammont ta' €809 (tmien mija u disa' ewro). It-Tribunal jinnota ulterjorment li ghalkemm l-attrici talbet ammont ulterjuri rapprezentanti danni morali minhabba nuqqas ta' uzu tat-telefon cellulari, fl-atti ma hemmx provi rigward tali perjodu ta' nuqqas ta' uzu, u ghalhekk fic-cirkostanzi t-talba ghal danni morali ma tistax tigi akkolta.

Illi t-Tribunal wara li qies ic-cirkostanzi kollha tal-kaz, jidher car li b'referenza ghat-talba ghar-rizarciment tas-somma ta' €809 (tmien mija u disa' ewro), l-attrici irnexxiela tipprova l-istanza taghha sal-grand rikjest mill-Ligi, u ghalhekk it-Talba avvanzata minnha ghandha tigi milqugha parzjalment, b'dan li s-socjeta intimata ghandha thallas lil attrici s-somma ta' €809 (tmien mija u disa' ewro) rapprezentanti ammont imhallas minnha ghal telefon cellulari Google Pixel 7 Pro. It-Tribunal jordna li l-attrici ghandha tghaddi l-istess telefon cellulari Google Pixel 7 Pro lis-socjeta intimata kif tircievi l-hlas.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet fuq premessi u fic-cirkostanzi tal-kaz, wara li ra l-Kapitolu 378 tal-Ligijiet ta' Malta, it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jilqa' t-Talba mressqa mill-attrici ghal ammont ta' €809 (tmien mija u disa' ewro) u jordna lis-socjeta intimata thallas lil attrici is-somma ta' €809 (tmien mija u disa' ewro). It-talba ghal hlas ta' danni morali mhux qieghda tigi akkolta ghar-raguni premessa.

L-ispejjez ta' dawn il-proceduri ghandhom jithallsu mis-socjeta intimata.

Avv. Dott. Charmaine Cherrett

Arbitru